# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-8 ta' Jannar 2001**

**Citazzjoni numru 2233/97 GC**

**The General Soft Drinks Company Limited**

**vs**

**Charles Francica**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut minerali fil-valur ta' elfejn, mitejn tnejn u sittin liri Maltin, u disghin centezmu (Lm2,262.90), li minnhom il-konvenut hallas is-somma ta' disa' u sittin liri Maltin, u disa' u erbghin centezmu (Lm69.490) u ghalhekk ghad fadal bilanc pendenti ta' elfejn, tliet mija, tlieta u disghin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmi (Lm2,193.41) u dan skond kif jirrizulta mill-anness rendikont markat Dok. "A";

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat biex ihallas dana baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:-

(1) tikkundannah li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mija u tlieta u disghin liri Maltin, wiehed u erbghin centezmi (Lm2,193.41) dovuti bhala bilanc minn prezz ta' minerali mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra ufficcjali sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota' ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament l-intempestivita' tac-citazzjoni stante li qatt ma kien gie interpellat ghall-hlas;

2. Illi l-ammont reklamat mhuwiex dak dovut mill-konvenut;

3. Illi l-konvenut kellu ftehim mas-socjeta' attrici jew rapprezentant taghha illi jeffettwa pagament rateali, liema ftehim il-konvenut kien qieghed jottempora ruhu mieghu, meta habta u sabta saret din il-procedura gudizzjarja;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Dicembru 2000;

Ikkonsidrat:

Il-konvenut naqas li jipproduci provi in sostenn ta' dak li huwa allega fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu u ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu rigettati;

Mill-banda l-ohra mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u b'hekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mija u tlieta u disghin liri Maltin, wiehed u erbghin centezmi (Lm2,193.41) bilanc ta' prezz ta' minerali mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni, cioe mill-1 ta' Ottubru 1997 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.